# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 1/20 RM

## Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 2259/19 fl-ismijiet:

**Roberto Carlos Calleja**

**Vs**

**Gerard Dominic Borg Mizzi**

**Illum 12 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-sekwestrat Gerard Dominic Borg Mizzi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Jannar 2020 fejn ippremetta:-

1. Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) u tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2259/19, is-sekwestrant ippreżenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-esponent u dan in kawtela tal-kreditu ta' tlettax il-elf, hamsa u sittin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€13,065.21) rappreżentanti somma li s-sekwestrant qed

jallega (inkorrettament) li hija lilu dovuta kif dedott fir-Rikors promotur li bih infethet il-kawza kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru.

3. Illi l-esponent iqis li dan il-mandat ta' sekwestru ġie ippreżentat b'mod fieragħ, vessatorju u temerarju b'dan li ġie skatenat fil-għama u bil-għaġġla mis-sekwestrant meta s-sekwestrant kien jaf li mhux meħtieġ.

4. Illi di piu l-esponent jissottometti li dan il-mandat ta' sekwestru ġie intavolat kontra l-esponenti b'mod abbużiv u li jeżistu l-elementi meħtieġa mil-Liġi għar-revoka tiegħu u l-impożizzjoni ta' penali;

**Revoka ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kap. 12**

5. Illi l-esponent jagħmel referenza għall-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) li jipprovdu li att kawtelatorju ghandu jiġi revokat kemm-il darba l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv kif ukoll kemm-il darba ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ billi ma jkunx meħtieġ jew ġustifikabbli.

6. Illi, ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 836(1)(d), huwa mill-izjed ċar u manifest anke a bażi ta' prima facie li s-sekwestrant qieghed jippretendi li ghandu jithallas ammonti li mhumiex verament dovuti. Apparti l-fatt illi x-xogħolijiet żgħar illi s-sekwestrat kellu jlesti skond dak li ġie stipulat fil-kuntratt pubbliku datat 17 ta' Dicembru, 2018 in atti Nutar Robert John Muscat (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A') effettivament kienu tlestew, anke kieku, għall-grazzja tal-argument, dawn ma kinux tlestew, il-massimu li seta' jinkorri s-sekwestrat in linea ta' penali hija s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) li, skond l-istess kuntratt (vide parti highlighted) kellha titnaqqas mill-bilanc ta' €7,500 li s-sekwestrant Roberto Carlos Calleja ghad ghandu jaghti lis-sekwestrat Gerard Borg Mizzi. Dan ifisser illi filwaqt li Roberto Carlos Calleja, fl-ahjar ipotezi

ghalih, huwa debitur tar-rikorrent odjern fis-somma ta' €5,500 (fir-realta' huwa ghandu jaghtih €7,500 ghax ix-xogholijiet kienu tlestew), huwa kellu l-ardir li, bla ebda jedd u dritt ta' xejn, joħroglu mandat ta' sekwestru ghal €13,304.25!!!

7. Illi r-rekwiżit tal-eżistenza tal-kreditu pretiż fuq bażi prima facie huwa 'oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.' Tant għalhekk li fil-ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-mandat u fil-kontinwazzjoni taż-żamma fis-seħħ tiegħu kien jinkombi fuq is-sekwestrant li juri li jeżistu l-elementi li jagħtuh dritt t' azzjoni kontra l-esponent;

8. Illi huwa għalhekk li l-esponent jisħaq li dan il-mandat mhux ġustifikat fil-konfront tieghu u lanqas ma huwa ġustifikat li jinżamm fis-seħħ. Ghaldaqstant certament li jsib applikazzjoni l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 billi mhux talli s-sekwestrant ma wriex li l-ammont mitlub hu prima facie ġustifikat izda talli huwa proprju s-sekwestrant li huwa debitur tal-esponent!

9. Illi l-esponent jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-ismijiet **Josephine Sammut v Emanuel Sammut et** (Rik. 275/2003) fejn gie mghallem li l-mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż, u jridu jintużaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiż debitur jew għall-pika jew bi ħsieb malizzjuz ieħor.

10. Illi dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li r-rimedji legali għandhom jiġu użati in buona fede u fil-qies li jmiss, b'dan li l-ħruġ tal-mandat odjern kontra l-esponent fil-kuntest partikolari ta' dan il-każ ma jistax ma jiġix ikkundannat bħala altru milli lil hinn minn dawn il-prinċipji sew imħarsa mill-Qrati nostrana.

**Penali ai termini tal-Artikoli 836(8)(b) u/jew 836(8)(d)**

11. Illi di piu fil-każ odjern jeżistu l-estremi maħsuba fl-Artikolu 836(8)(d) sabiex din l-Onorabbli Qorti mhux biss tirrevoka l-mandat iżda anke tikkundanna lis-sekwestrant iħallas il-penali maħsuba fil-Liġi għaliex kjarament dan is-sekwestru nħareġ b'malizzja u t-talba tas-sekwestrant hija waħda frivola u/jew vessatorja. Dan għar-raġunijiet fuq spjegati fejn ġie muri biċ-ċar illi s-sekwestrant Roberto Carlos Calleja kellu l-ardir li joħroġ sekwestru kontra r-rikorrent odjern meta fir-realta' huwa Calleja li għandu jagħti lil Mizzi, u mhux bil-kontra!

12. Illi tassew hawn issib applikazzjoni l-enunċjazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar l-abbuż tad-dritt proċedurali għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju, liema enunċjazzjoni kienet esposta u abbraċċjata fil-provvediment wara t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Pauline Vassallo vs The Eden Foundation et**:

"*Il-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjoni ta' din l-ghamla, il- Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c- cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor ... l-abbuz tal-process gudizzjarju "jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonaIi u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negIigenza gravament kolpuza ("Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill- Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio ... ("MugIiette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405) ... l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaIiex inghad sew illi:- "II diritto cessa dove comincia 'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti I'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa: di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti*".

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:-

(i) Tiddeċiedi u tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u li jġib in-numru ta' referenza 2259/19 ma hux ġustifikat u lanqas ma hu raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ fil-konfront tal-esponent u dan ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kap. 12;

(ii) Konsegwentement tordna r-revoka u t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u li jġib in-numru ta' referenza 2259/19;

(iii) Tiddeċiedi u tiddikjara li, għar-raġunijiet premessi, is-sekwestrant għandu jħallas penali fis-somma ta' mhux inqas minn €1164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 favur l-esponent ai termini tal-Artikoli 836(8)(d) tal-Kap. 12;

(iv) Konsegwentement tordna li s-sekwestrant għandu jħallas penali fis-somma ta' mhux inqas minn €1164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 favur l-esponent ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12,

u dan salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, u b' riżerva għal kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-esponent skond il-Liġi.

Rat ir-risposta tas-Sekwestrant Roberto Carlos Calleja pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Jannar 2020 fejn espona bir-rispett:

1. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghar-rikors intavolat minn Gerard Borg Mizzi fejn talab illi jinhareg kontro-mandat ghall-mandat de quo u dana ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u/jw 836(1)(f).*

2. *Illi t-talba hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement ghandha tigi michuda bl-ispejjes u dana ghar-ragunijiet segwenti:*

3. *Illi r-rikorrenti qed jitlob illi l-mandat de quo ghandu jigi revokat ghax jargumenta illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat jew huwa eccessiv.*

4. *Illi in sostenn tal-argument tieghu r-rikorrenti ressaq argumenti illi jidħlu fil-mertu tal-kawża proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk zgur illi mhux fuq bazi ta' prima facie.*

5. *Illi in sostenn tat-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat de quo, l-esponenti mhux biss ippresenta prospett tal-ammont relattiv, izda sahansitra intavola sensiela ta' dokumenti bil-ghan illi jissostanzja dak illi gie dikjarat fl-istess prospett.*

6. *Illi l-esponenti jissottometti bl-akbar rispett illi m'ghandu jkun ebda dubju illi s-sekwestrant almenu fuq bazi ta' prima facie wera illi l-hrug tal-mandat de quo kien wiehed gusitifkat.*

7. *Illi kif gie dikjarat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Grazio sive Horace Cachia v Agostino sive Winston Carbone et*** *deciza fil-25 ta' Novembru 2016:*

   *[...] fi proċeduri ta' din ix-xorta, l-eżami li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi skrutinju*

*profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment riżervat għall-proċeduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawża.*

*Kif kellha okkażjoni tirrileva din l-istess Qorti, fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' April, 2015, fil-kawża fl-ismijiet* **Zealand Holdings Inc. v. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.** *reġistrat fl-Olanda, f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti, ovvjament, ma tistax u mhijiex se tidħol biex teżamina l-pretensjonijiet fil-mertu taż-żewġ naħat. [...] Del resto, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ* **Chetcuti v. Chetcuti**, *deċiża fis-27 ta' Ġunju 2002:*

*"Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża. ("P.J. Sutters Company Limited vs Conecpt Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

8. *Illi ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda t-taba ghall-hrug tal-konro-mandat opportun ai termini tal-artikolu 836(1)(d) din hija wahda totalment infondata u ghandha tigi michuda. Illi dak illi jirrigwarda t-talba ia termini tal-arikolu 836(1)(f) mhuwiex car liema huma c-cirkostanzi illi skond r-rikorrenti huma tali illi mhuwiex ragonevoli illi l-mandat de quo jibqa fis-sehh, ghalkemm jidher illi r-rikorrenti donnu qieghed jorbot dawn ic-cirkostanzi mall-allegat nuqqas ta' prova prima facie, u ghalhekk anke f'dan il-kaz ghar-ragunijiet fuq imsemmija t-talba ghandha tigi michuda.*

9. *Illi apparti r-revoka tal-mandata de quo r-rikorrenti talab ukoll illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha timponi l-hlas ta' penali fuq l-esponenti ai termini tal-artikolu 836(8)(d).*

10. *Illi l-esponenti jissottometti bl-akbar rispett illi anke din t-talba ghandha tigi michuda billi anke din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi kif gie sottomess aktar 'l fuq l-esponenti kien gusitifkat illi jitlob u jottjeni l-hrug tal-mandat de quo u konsegwentment m'ghandux jigi ppenalizzat ghal xi haga illi kull dritt illi jaghmel skond il-ligi.*

11. *Ghalaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti Gerard Dominic Borg Mizzi.*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu *inter alia* appuntat ir-Rikors ghas-smigh ghall-udjenza tad-29 ta' Jannar 2020;

Rat l-ordni taghha moghtija fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2020 li permezz taghha ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2259/19 mal-atti odjerni;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza tad-29 ta' Jannar 2020;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Gerard Dominic Borg Mizzi jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug mill-intimat Roberto Carlos Calleja, u jiccita in sostenn tat-talba tieghu id-dispozizzjonijiet tas-subincizi (d) u (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, li ghandha quddiemha wkoll l-atti tal-kawza dwar id-determinazzjoni tal-jedd pretiz fil-Mandat ta' Sekwestru *de quo,* fehmet illi l-pretensjoni tas-sekwestrant Roberto Carlos Calleja hija msejsa fuq danni li huwa allegatament soffra minhabba n-nuqqas tar-rikorrent odjern milli jwettaq l-appalt lilu fdat entro t-terminu maqbul fil-ftehim konkluz bejniethom, liema danni jikkonsistu f'telf ta' dhul mill-kera tal-fond oggett tal-imsemmi appalt. Jidher illi n-nuqqas ta' twettiq tal-appalt mir-rikorrent odjern entro t-terminu pattwit, kellu jaghti lok ghall-hlas da parti tar-rikorrent ta' penali fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

L-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12, jiddisponi illi att kawtelatorju jista' jigi revokat:-

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
*…*
*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Conrad Borg vs de La Rue**[1] intqal:-

"*Il-Qrati ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et" tas-26 t`April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri*** *intqal hekk:- "Skont l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'.*"

[1] 15 ta' Lulju 2015.

Ir-rikorrent, fir-rigward, isostni illi huwa manifest illi l-intimat bil-hrug tal-Mandat qieghed jikkawtela ammonti illi m'humiex rejalment dovuti, ghaliex jekk verament kien hemm xi xogholijiet li ma tlestewx mir-rikorrent, dawn kienu minimi u f'kull kaz gie pattwit fil-ftehim tal-appalt illi l-massimu tal-penali li huwa seta' jinkorri minhabba xi nuqqas ta' twettiq tal-appalt entro t-terminu pattwit, huwa ta' elfejn Euro. Isostni ulterjorment illi s-sekwestrant huwa debitur tieghu billi baqaghlu jhallas somma bilancjali ta' €7,500 fuq l-appalt in kwistjoni. Dan skont ir-rikorrent, ifisser illi trid issir tpacija bejn iz-zewg pretensjonijiet, b'mod illi s-somma ta' €13,304.25 li giet mitluba u kawtelata mis-sekwestrant permezz tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo*, ma tista' qatt tkun dovuta u fi kwalsiasi kaz il-pretensjoni hija manifestament eccessiva.

Jigi osservat illi fil-kawza dwar il-mertu tal-jedd pretiz mis-sekwestrant fil-Mandat ta' Sekwestru *de quo*, ir-rikorrent odjern ressaq eccezzjonijiet li huma imsejsa fuq l-argument qabel imsemmi dwar l-ammont massimu tal-penali pattwit fil-ftehim tal-appalt, kif ukoll ressaq talbiet rikonvenzjonali ghall-hlas tal-bilanc ta' €7,500 lilu dovut fuq l-appalt. Dan ifisser illi effettivament, l-aggravji tar-rikorrent f'dan ir-Rikors odjern jikkostitwixxu proprju l-fondament tal-eccezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali li huwa ddeduca fl-imsemmija kawza.

Il-korollarju ta' dan huwa, inevitabbilment, illi l-argomenti mressqin 'il quddiem mir-rikorrent f'dan ir-Rikors odjern, jappartjenu lill-mertu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet u ma jistghux jitqiesu, kif jippretendi l-istess rikorrent, bhala fatti li jirrizultaw *ictu oculi* u b'mod oggettiv mill-atti. Dan ghaliex l-ezercizzju tad-determinazzjoni dwar jekk l-ammont pretiz u kawtelat permezz tal-Mandat *de quo* huwiex eccessiv jew huwiex gustifikat, m'huwiex wiehed illi jista' jigi stabbilit minn ezami *prima facie* tal-atti tal-Mandat innifsu.

Effettivament, sabiex dan l-ezercizzju jsir, il-Qorti trid tisma' l-provi kollha li jitressqu quddiemha u tiddetermina jekk l-attur f'dik il-kawza verament soffriex id-danni u fl-affermattiv, tikkwantifika d-danni kif ukoll tistabbilixxi jekk ir-responsabbilita` tar-rikorrent odjern ghall-hlas ta' xi danni naxxenti mill-ftehim tal-appalt, tistax tissupera l-ammont pattwit fl-istess ftehim in linea ta' penali. Fl-istess hin, il-pretensjoni tar-rikorrent li huwa kreditur tas-sekwestrant u li ghalhekk hemm lok ghal tpacija bejn l-ammonti pretizi mill-partijiet rispettivament, ukoll tehtieg stharrig u determinazzjoni ferm iktar approfondit minn ezami superficjali tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru u dawk li **sal-lum** jifformaw parti mill-atti tal-kawza

Fil-provvediment fl-ismijiet **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et** moghti fid-29 ta' Novembru 2001[2], gie ritenut illi:-

"*... mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

Intqal ukoll illi[3]:-

"*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.*"

Ikkunsidrat;

[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili.

[3] **Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti**, 27 ta' Gunju 2002.

Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat *de quo* jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh *in toto* jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat.

Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-

"*(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu*".[4]

Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Ma jirrizultax lanqas illi wiehed mir-rekwiziti legali ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma ghadux fil-fatt jezisti. Wiehed ifakkar illi l-kontenzjoni tar-rikorrent fir-rigward, hija msejsa *in toto* fuq l-argoment illi f'kaz li verament kien hemm nuqqas da parti tieghu fl-adempiment tal-obbligi pattwiti fil-ftehim tal-appalt, is-sekwestrant ma ghandux u qatt ma kellu lanqas *ab initio,* ebda dritt jippretendi u kwindi jikkawtela somma in eccess ta' €2,000 in linea ta' danni.

[4] **George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et** – Rikors 741/2015, deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2015.

Kif rajna, din hija kontenzjoni li ghalkemm hija msejsa fuq in-nuqqas ta' gustifikazzjoni tal-ammont mitlub u kawtelat a tenur tas-subinciz (d) tal-Artikolu 836(1), hija wkoll wahda li tehtieg li tigi determinata minn stharrig tal-ftehim fl-intier tieghu u tal-provi mressqin in sostenn tal-pretensjoni dwar id-danni sofferti u tal-ammont bilancjali pretiz fuq l-appalt, liema stharrig huwa proprju dak li jehtieg li jsir sabiex jigu decizi t-talbiet principali u rikonvenzjonali fil-kawza dwar il-jedd pretiz fil-mandat pendenti quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat billi ma gewx ippruvati l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrenti oltre ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo*, jitlob ukoll il-hlas tal-penali mahsub fis-subinciz (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 u dan stante illi l-fatti tal-kaz juru illi l-pretensjoni tas-sekwestrant hija wahda frivola u vessatorja u illi l-Mandat inhareg b'malizzja.

L-imsemmi Artikolu 836(8) jipprovdi ghall-impozizzjoni ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12, li jmur ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, fosthom fil-kaz li t-talba tal-kreditur ghall-hrug tal-Mandat tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Kif qal tajjeb ir-rikorrent, l-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) hija sanzjoni marbuta mal-abbuz fil-hrug tal-mandati kawtelatorji. Huwa risaput ukoll illi l-penali mahsuba fl-imsemmi Artikolu 836(8) hija wahda ta' ordni pubbliku intiza biex tassigura s-serjeta` fil-process gudizzjarju

u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuz[5]. Izda oltre ghall-elementi tal-abbuz, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi, liema cirkostanzi galadarba iwasslu ghal sanzjonijiet punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi.

In materja jinsab ritenut illi:-

*"Generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju."*[6]

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tosserva illi mill-konsiderazzjonijiet diga` maghmula b'rabta mal-allegazzjoni illi l-ammont pretiz fil-Mandat huwa eccessiv jew mhux gustifikat, fejn sabet illi fuq bazi *prima facie* jidher illi s-sekwestrant kellu raguni valida ghall-hrug tal-Mandat, tista' wkoll teskludi minghajr wisq diffikolta` illi fil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, huwa agixxa vessatorjament jew b'abbuz tad-drittijiet tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, anke bl-applikazzjoni tal-principju li l-*bona fede* hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat, ir-rikorrent ma rnexxilux juri li l-intimat kien in malafede jew li mexa b'mod malizzjuz semplicement ghaliex jippretendi li soffra d-danni konsistenti f'telf ta' dhul minhabba ksur tat-termini pattwiti fil-ftehim tal-appalt fis-somma ta' €13,304.25.

Illi ovvjament dan ma jfissirx li l-Qorti qieghda b'xi mod tiddeciedi illi l-pretensjoni tal-intimat fil-mertu hija tabilhaqq ippruvata jew li l-eccezzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent ma ghandhomx mis-sewwa. Il-Qorti hija biss tal-

[5] **Cassar pro et noe et vs Falzon et**, *supra*.
[6] **Paul Attard noe. vs Loreto Abela** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciz fil-25 ta' Mejju 2005. Ara wkoll **Anna Maria Abdilla vs Marco Abdilla**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2013.

fehma li ma jidhirx u ma ntweriex li l-pretensjoni tal-intimat sekwestrant hija wahda fiergha u lanqas li saret b'malizzja.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-hlas ta' penali wkoll qed tigi rigettata.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talba tar-rikorrent ghar-revoka u thassir tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2259/19 a tenur tal-Artikolu 836(1)(d)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tichad ukoll it-talba tieghu illi jigi deciz u ordnat illi s-sekwestrant ihallas penali a tenur tal-Artikolu 838(8) tal-istess Kapitolu 12.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mir-rikorrent Gerard Dominic Borg Mizzi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**